**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

Talba Numru: 486/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 39

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS1501**

**vs**

**Jacob Falsig (ID 75257A)**
**Jardin Dallah**
**Tal-Providenza**
**Limiti tas-Siggiewi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Ottubru, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elf u sebgha u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,047.81c) in konnessjoni ma'

servizzi elettonici ta' kommunikazzjoni pprestati mis-Socjeta' attrici lil konvenut l-akkont li jgib in-numru AC40233322.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk  għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' elf u sebgha u erbghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,047.81c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 ta' Ottubru, 2016 sad-data tal-prezentata ta' dan l-avviz tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**